

31999R0701

L 89/23

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

1.4.1999

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) nru 701/1999**tal-31 ta' Marzu 1999****dwar il-klassifika ta' oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabilixxi l-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' tariffa u statistika u it-Tariffa Komuni Doganali ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2261/98 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9,

Billi biex tkun żgurata applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa ma' l-imsemmi Regolament, huwa meħtieġ li jkun addottati miżuri dwar il-klassifika tal-merkanzija li jirreferi għaliha l-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 ippreskriva għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda u dawk ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kollha kemm hi jew parzjalment bażata fuqha jew li żżid xi suddiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita b'dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunita', bil-ħsieb ta' l-applikazzjoni ta' tariffa u miżuri oħra li għandhom x'jaqsmu ma' kummerċ f'merkanzija;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella annessa mar-Regolament preżenti għandhom ikunu kklassifikati taħt il-kodiċijiet xierqa tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet preskritti fil-kolonna 3;

Billi huwa aċċettat li informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifika ta' merkanzija fin-Nomenklatura Magħquda u li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament, għandha tissokta tkun invokata, taħt id-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 12(6) tar-

Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jstabilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Komunita ⁽³⁾, għal perjodu ta' tliet xhur mill-possessur;

Billi l-miżuri li jipprovdi għalihom dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tas-sezzjoni tan-nomenklatura ta' tariffa u statistika tal-Kumitat dwar il-Kodiċi Doganali,

ADDOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Il-merkanzija deskritta fil-kolonna 1 tat-tabella annessa issa hija kklassifikata ġon-Nomenklatura Magħquda taħt il-kodiċijiet NM xierqa indikati fil-kolonna 2 ta' l-imsemmija tabella.

L-Artikolu 2

Informazzjoni li torbot dwar tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' Stati Membri li ma tikkonformax mad-drittijiet stabbiliti b'dan ir-Regolament għandha tissokta tkun invokata taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12(6) tar-Regolament (KEE) Nru 2913/92 għal perjodu ta' tliet xhur.

L-Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fi-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fil-31 ta' Marzu 1999.

Għall-Kummissjoni

Mario MONTI

Membru tal-Kummissjoni⁽¹⁾ ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 292, tat-30.10.1998, p. 1.⁽³⁾ ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni tal-Merkanzija	Klassifika tal-Kodiċi NM	Raġuni
(1)	(2)	(3)
<p>1. Immuntar elettroniku, hekk imsejjaħ <i>Call Processor Pack</i>, li jikkonsisti minn <i>printed circuit board</i> mgħammar bi <i>processor</i> (proċessur), <i>memory modules</i> (moduli ta' memorja) u komponenti elettroniċi. L-immuntar ikun fih panew fuq quddiem b'buttuni li jingħafsu u b'<i>LCD display</i>. L-immuntar huwa ddisinjat għal użu bħala <i>module</i> prinċipali f'sistema ta' ċentrali awtomatikatat-telefon li għandha konnesjoni bi <i>plug</i> speċjali għal dan il-għan u komponenti mfasslin apposta (<i>customised</i>) (ASIC's) li jkun fihom <i>software</i> speċifiku.</p>	8517 90 82	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2b mas-Sezzjoni XVI u r-rabta ta' kliem tal-kodiċijiet NM 8517, 8517 90 u 8517 90 82.</p> <p>Għalkemm il-proċessur jista' jkun ipprogrammat b'mod liberu (Nota 5. A mal-Kapitolu 84), l-immuntar jirrapreżenta parti minn sistema ċentrali awtomatika tat-telefon u mhux magna awtomatika li tipproċessa data tat-Titolu 8471 minħabba l-komponenti speċifiċi, konnetturi u panew fuq quddiem tiegħu (Nota 5. B mal-Kapitolu 84).</p>
<p>2. Immuntar elettroniku, hekk imsejjaħ <i>Core To Netwrok Interface Pack (CNI)</i>, li jikkonsisti minn <i>printed circuit board</i> mgħammar b'komponenti elettroniċi. L-immuntar ikun fih panew panew fuq quddiem b'buttuni li jingħafsu u b'<i>LCD display</i>. L-immuntar huwa ddisinjat għal użu bħala <i>interface</i> bejn <i>Call Processor Pack</i> u l-cards tan-<i>network</i> (xibka) f'sistema ta' ċentrali awtomatika tat-telefon li għandha konnesjoni bi <i>plug</i> speċjali u komponent mfassal apposta (<i>customised</i>) (ASIC's) li jkun fih <i>software</i> speċifiku.</p>	8517 90 82	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2b għas-Sezzjoni XVI u r-rabta ta' kliem tal-kodiċijiet NM 8517, 8517 90 u 8517 90 82.</p> <p>L-immuntar jirrapreżenta parti minn sistema awtomatika ta' ċentrali tat-telefon u mhux prodott tat-Titolu 8473 minħabba l-komponenti speċifiċi, konnetturi u panew fuq quddiem tiegħu.</p>
<p>3. Immuntar elettroniku, hekk imsejjaħ <i>Input—Output Processor</i>, li jikkonsisti minn żewġ <i>printed circuit boards</i> interkonnessi mgħammrin bi <i>processor</i> (proċessur), memorji RAM, EPROM u komponenti oħra elettroniċi. L-immuntar ikun fih panew fuq quddiem b'buttuni li jingħafsu u b'<i>LCD display</i>. L-immuntar huwa ddisinjat għal użu bħala <i>interface</i> bejn il-konnetturi speċjali ta' sistema ta' ċentrali awtomatika tat-telefon u <i>standard SCSI/RS232/IEEE interfaces</i> li għandhom konnetturi bi <i>plug</i> speċjali u komponenti mfassla apposta (<i>customised</i>) (ASICs) li jkun fihom <i>software</i> speċifiku. L-immuntar ikun fih <i>floppy disk</i> u <i>hard disk drive</i>.</p>	8517 90 82	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 2b għas-Sezzjoni XVI u r-rabta ta' kliem tal-kodiċijiet NM 8517, 8517 90 u 8517 90 82</p> <p>L-immuntar jirrapreżenta parti minn ċentrali awtomatika tat-telefon u mhux prodott tat-Titolu 8473 minħabba l-komponenti speċifiċi, konnetturi u panew fuq quddiem tiegħu.</p>
<p>4. Riċevitur bis-satellita li jirċievi sinjali mxandra tat-televiżjoni bis-satellita mgerfxa u MPEG diġitalizzati (xbihat u ħoss), jikkonvertihom f'sinjali analoġi u jittrasferixxihom f'għamla użabbli għal riċevitur tat-televiżjoni, <i>videomonitor</i> jew <i>data monitor</i> ikkonnetjat.</p>	8528 93	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 3 mas-Sezzjoni XVI u r-rabta ta' kliem tal-kodiċijiet NM 8528, 8528 12 u 8528 12 93.</p> <p>Ir-riċeviment tas-sinjali tat-televiżjoni huwa kkunsidrat il-funzjoni prinċipali tal-prodott.</p>

Deskrizzjoni tal-Merkanzija	Klassifika tal-Kodiċi NM	Raġuni
(1)	(2)	(3)
<p>5. Riċevitur/decoder integrat (<i>addressable converter</i>) kapaċi li jirċievi u <i>decode</i> sinjali mgerfxa permezz ta' <i>cable network</i> u jikkonvertihom f'sinjali ta' frekwenzi tar-radju (<i>RF</i>).</p> <p>Hu jinkludi <i>tuner</i>, filtri, modulatori, proċessur audio/video, mikroproċessur b'memorja, riċevitur <i>FM</i>, <i>return path transmitter</i> u <i>smart card reader</i>. Jinkludi wkoll <i>keypad</i> u <i>remote control</i> bħala mezz biex jingħażlu l-kanali</p> <p>Hu għandu wkoll kontroll u funzjonijiet ta' komunikazzjoni, i.e. <i>downloading data</i> ta' kontijiet, xiri ta' avvenimenti, <i>polling</i> eċċ. L-apparat għandu jiċċara sinjali bil-<i>code</i> assenjati lil abbonat partikolari.</p>	8528 12 93	<p>Il-klassifika hija ddeterminata bid-dispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota 3 mas-Sezzjoni XVI u r-rabta ta' kliem tal-kodiċijiet NM 8528, 8528 12 u 8528 12 93.</p> <p>Ir-riċeviment tas-sinjali tat-televiżjoni huwa kkunsidrat il-funzjoni prinċipali tal-prodott.</p>